# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 2 ta' Marzu, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Talian)**
**vs.**
**Younis Emad u**
***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korreti b'digriet ta' din il-Qorti tal-5 t'Awissu 2015 - migjuba kontra:

Younis Emad ta' 24 sena, detentur tal-karta tar-Refugjat 18810

u

Omissis

Akkuzati talli nhar l-4 t'Awissu 2015 ghal habta tas-siegha u kwart ta' fil-ghodu (1.15am) minn fuq ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan:-

1. ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti u dokumenti, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u

tletin centezmu (2,329.37 Euros), liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Paulina Cywinska.

2. Aktar talli Younis Emad wahdu kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. C. Galea nhar it-22 ta' Lulju, 2015 kontra Younis Emad, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat omissis bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Frar 2016, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) l-artikoli 20, 261(c), (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 281(a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) l-artikoli 28B(1), (2)(a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) l-artikoli 49, 40 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.[1]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat li fis-seduta tas-19 t'Ottubru 2015, l-imputat *Omissis* irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontrih, u fl-istess seduta l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat *Omissis.*[2] Pero fl-istess seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li minkejja l-ammissjoni tal-imputat *Omissis*, il-Prosekuzzjoni se tkompli bil-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat odjern, kif fil-fatt sar.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena;

[1] Ara seduta tas-17 ta' Frar 2016.
[2] Ara seduta 19 ta' Ottubru 2015 a fol 57 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

F'dan il-kaz, il-partijiet involuti kollha jaqblu biss fuq haga wahda u cioe li l-handbag ta' turista Paulina Cywinska gie misruq fil-lejl bejn it-3 u l-4 t'Awissu 2015. Mill-bqija, il-partijiet kollha involuti taw verzjoni differenti, u xi drabi anki konfligenti, ta' kif graw il-fatti. Ghaldaqstant, il-Qorti se tirriassunta fil-qosor il-versjoni ta' kull parti.

*Il-Verzjoni tal-Parte Civile Paulina Cywinska*

1. Fl-4 ta'Awissu 2015, ghal habta tas-1.00 a.m., Paulina Cywinska kienet bil-qieghda fuq ix-xatt tal-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, x'hin indunat li l-handbag iswed li kellha magenbha sparixxa.
2. Gol-handbag kellha zewg kartieri, wahda bi tlett karti ta' €50.00, u l-iehor b'karta tal-€20.00, tal-Linja Card, Karta tal-Identita, il-licenzja tas-sewqan, karta tal-istudenti, credit card ta' bank pollakk, xi muniti tal-Euro u xi muniti pollakki.
3. Il-handbag sabitu fuq ix-xatt xi 50 metru il'boghod minn fejn kienu bil-qieghda. Il-basket kien vojt, hlief li kien hemm il-lipstick go fih.
4. Hija ma ratx lil min seraq il-basket, u lanqas gharfet lil xi wiehed mill-imputati.
5. Hija marret taghmel rapport tas-serqa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan.

*Verzjoni ta' PC 1039 Marshall Mallia*

1. Fl-4 t'Awissu 2015, hu kien xoghol mal-kollegi tieghu tar-*Rapid Intervention Unit* (RIU) u ghas-1.30 am ircevew sejha mill-Control Room tal-Pulizija sabiex jassistu ghax kien hemm xi persuni barranin qed jisirqu mill-bajja ta' San Gorg gewwa Paceville.
2. X'hin waslu fuq ix-xatt, xi studenti Spanjoli indikawlhom tnejn min-nies mixhutin fuq ir-ramel, li skond dawn l-istudenti kienu qed ifittxu fi-basktijiet tan-nies.

3. Hu u PC 1296 marru fuq dawn it-tnejn min-nies, li huma l-imputati, li kienu wahedhom mindudin fuq ir-ramel iharsu lejn xulxin. Bejniethom kien hemm beritta bajda rasha l-isfel u go fiha kien hemm diversi affarijiet fosthom mobile phone.
4. Meta l-Pulizija staqsewhom dawk l-affarijiet ta' min kienu, huma l-ewwel qalu li kienu taghhom. Meta PC1039 qal lill-imputat li kien se jaghmillu tfittxija, l-imputat qallu *"le, le l-affarijiet tieghi, my things, my things",* u anke l-beritta qal li kienet tieghu. *Omissis* qal lil Pulizija *"our things, our things".*
5. Mit-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputati ma nstab xejn, pero fil-beritta li kien hemm bejniethom kien hemm kartiera sewda b'diversi muniti pollakki, tliet karti tal-€50.00, karta tal-€20.00, tal-Linja Card li kienet tghajjat lil Paulina Cywinska. Meta l-Pulizija staqsew lill-imputat dawn l-affarijiet ta' min kienu, biddel il-verzjoni u beda jghid li ma kienux tieghu, ghalkemm wara rrizulta li l-mobile phone u l-headphones fil-fatt kienu tieghu.

<u>*Versjoni tal-Imputat fil-Proceduri Odjerni*</u>

1. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat l-ewwel qal li nizel wahdu Paceville f'xi 1.30am biex jixrob u dar diversi hwienet u mbaghad mar ix-xatt tal-bahar wahdu. Meta kien hemm gie *Omissis* u qaghad hdejh. Omissis kellu flixkun tal-coca u fih kellu whiskey imhallat.
2. L-imputat qal li hu kien ilu jaf lil Omissis gie ghaxart (10) ijiem, ghax rah xi sitt (6) darbiet fic-centru ta' Hal-Far, ghax it-tnejn joqghodu f'dan ic-centru.
3. Dwar l-affarijiet misruqa li nstabu fil-pussess taghhom, l-imputat qal li dawn setghu kienu ta' Omissis.
4. Wara qal li iktar kmieni dak in-nhar kien iltaqa' ma' Omissis il-Belt Valletta u nizlu Paceville b'taxi flimkien. Meta mistoqsi ghaliex kien qed jigdeb u ibiddel il-verzjoni, l-imputat wiegeb li hu kien ghadu ma raqadx u kellu ugiegh ta' ras. Il-Qorti tosserva li l-imputat ghazel li jiehu parir legali qabel ma sar l-interrogatorju.
5. Huwa cahad li xi darba seraq minn fuq il-bajja ta' San Gorg.

<u>*Il-Verzjoni tal-Imputat Omissis*</u>

1. Fl-istqarrija tieghu, Omissis qal li hu ken qabad taxi minn Bugibba u nizel Paceville biex jixrob. Hu mar fix-xatt tal-bajja ghax gab erba' laned birra mieghu minn Bugibba, biex jixrob ghal kwiet, ghax l-istorbju tal-barijiet idejjqu.
2. Fin-nizla tal-Havana iltaqa' mal-imputat u ragel iehor Somalu, u wara xi hames minuti gew il-Pulizija fuqhom, wara li kien ghadu kif fetah l-ewwel landa birra.
3. Dwar l-affarijiet misruqha li nstabu fil-pussess tieghu u tal-imputat, qal li ma kienux tieghu, u jista' jkun seraqhom l-imputat. Ghalkemm ammetta li l-beritta kienet tieghu, hu cahad li l-affarijiet li nstabu fil-beritta kienu tieghu, jew li hu seraq xi haga minn fuq ix-xatt dik il-lejla.
4. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, Omissis ghazel li jammetti ghall-imputazzjoni dedotta kontrih u fil-fatt inghata sentenza fil-konfront tieghu, li minnha m'appellax.
5. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Omissis qal li hu kien mal-imputat il-Belt Valletta u nizlu Paceville, pero imbaghad infirdu, u Omissis mar go disco, fil-waqt li l-imputat mar x'imkien ghal rasu, ghax kellu appuntament ma habiba tieghu.
6. Omissis xehed li wara xi siegha hareg mid-disco u nizel it-tarag li hemm fit-triq vicin il-Havana, ra basket mitluq fit-tarag. Ma kien hemm hadd hdejn it-tarag. Fil-basket ma kien hemm l-ebda kartiera, u l-flus kienu qed jigru, u hu ha l-flus u tal-Linja Card, u rega' pogga l-basket fejn kien. Skond hu, il-basket kien ta' kulur car – abjad jew isfar. Hu pogga l-affarijiet fil-but tal-qalziet u fil-kartiera tieghu, u mar fuq ix-xatt fuq ir-ramel.
7. X'hin wasal ix-xatt, ra lill-imputat, li kumbinazzjoni kien qieghed wahdu ix-xatt ukoll. Minn meta nfirdu wara li waslu Paceville, Omissis jghid li ma sar l-ebda kuntatt bejnu u bejn l-imputat.
8. Omissis mar hdejn l-imputat u hareg l-affarijiet li kien ha mill-basket biex jibda jghoddhom, u fil-pront gew il-pulizija fuqhom.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti tibda biex tghid li fl-opinjoni taghha l-verzjoni tal-fatti tal-parte civile Paulina Cywinska hija wahda kredibbbli u hija ikkorroborata mir-rapport li hi kienet ghamlet a

tempo vergine fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-basket insteraq waqt li Cywinska kienet fuq ix-xatt ta' San Giljan, u min serqu, wara li ha dak li kien ta' valur fih, xehtu xi hamsin (50) metru minn fejn kienu hi u shabha.

In oltre, fir-rapport li ghamlet l-Ghassa tal-Pulizija, Cywinska qalet li n-nies ta' madwarha qalulha li *"a dark skinned man, well built, with a tattoo on the left arm and wearing a yellow shirt took the same handbag and ran off with it."*

Ghar-ragunijiet li nghataw aktar il'fuq, fis-sommarju tal-fatti, il-Pulizija ressqu lill-imputat u lill-Omissis akkuzati b'dan ir-reat ta' serq aggravat. Ghalkemm Omissis qal li hu ried jammetti fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri, li hu biss kien ikkometta din is-serqa, imma kien hemm malintiz mal-interpretu, u dan m'ghamlux, il-Qorti ma temmnux ghax f'dik is-seduta iz-zewg imputati kienu assistiti minn avukat u fl-ebda stadju Omissis ma ssolleva xi kwistjoni li mhux qed jifhem lill-interpretu. Din l-asserzzjoni ta' Omissis li hu ried jammetti ghall-imputazzjoni mill-bidu nett, tisfaxxa meta wiehed iqis li fit-tieni seduta ta' dawn il-proceduri, meta Omissis u l-imputat biddlu l-avukat difensur taghhom, Omissis rregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontrih, pero wara li din il-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu, u Omissis ikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, huwa irtira l-ammissjoni tieghu.[3]

Kien biss fit-tielet seduta, cioe dik tad-19 t'Ottubru 2015[4] – iktar minn xaharejn wara l-incident - li gie registrat is-segwenti verbal: *"Dr Jason Grima ghall-imputati jiddikjara li fis-seduta precedenti l-imputati infurmawh li kellhom diffikulta sabiex jifhmu l-interpretazzjoni li kien qed jaghti l-interpretu Houtu Nazmi Khalil ta' dawn il-proceduri, u l-Qorti offriet li tissostitwixxi lill-interpretu. Pero Dr. Jason Grima, wara li kellem lill-imputati dal-ghodu, nforma lill-Qorti li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-interpretu ghal dawn il-proceduri jibqa' Houto Nazmi Khalil, peress li fis-seduta precedent kien hemm malintiz bejniethom."* Ghalhekk, jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi koncess li kien hemm malintiz bejn Omissis u l-interpretu – ghax din il-Qorti hija moralment konvinta li ma kien hemm l-ebda malintiz - dan gara fit-tieni seduta u mhux fl-ewwel seduta.

---

[3] Ara verbal tas-seduta tas-7 t'Ottubru 2015 a fol. 46 tal-process.
[4] Ara fol. 57 tal-process.

F'din it-tielet seduta, l-imputat Omissis ghazel li jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontrieh, u rega' ikkonfermaha, wara li din il-Qorti tatu sabiex jikkonsulta lill-avukat difensur tieghu sabiex jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu. Konsegwentement, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Omissis, u l-kaz tieghu gie deciz u s-sentenza saret definittiva.

Kif diga inghad aktar il'fuq, meta, wara li Omissis xehed f'dawn il-proceduri, wara li s-sentenza fil-konfront tieghu saret definittiva, kif jirrizulta minn dak li inghad iktar il'fuq, hu ta versjoni tal-fatti totalment differenti minn dik li kien ta' fl-istqarrija tieghu, u li tikkonflingi ukoll ma dak li xehdet il-parte civili Cywinska. Dan ghaliex huwa qal l-imputat odjern ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa, u li hu, Omissis, kien wahdu meta sab il-basket tal-parte civili u dan ma kienx sabu fuq ix-xatt, izda sabu fit-tarag hdejn il-Havana, u wara li ha dak ta' valur go fih rega' hallih fit-tarag fejn sabu. Il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li issib din il-versjoni tal-fatti ta' Omissis totalment inattendibbli.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat qal, li anke jekk ghal grazzja tal-argument, hemm divergenzi bejn il-versjoni tal-parte civile u dik ta' Omissis dwar kif insteraq il-basket, xorta jibqa' l-fatt, li provi kontra l-imputat li kien involut fis-serqa ma hemm xejn. Dan ma hux korrett u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-opinjoni tal-Qorti mhix ko-incidenza li Omissis sab jew rega' sab lill-imputat wahdu hdejn xatt il-bahar u mar hdejh. Fl-ewwel lok, m'huwiex normali li f'Paceville, in-nies ikunu wahedhom, imma imorru hemm biex jiddevertu ma shabhom. Fit-tieni lok, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li kien ilu jaf lill-Omissis ghaxat (10) ijiem u kien rah xi sitt (6) darbiet b'kollox fic-centru ta' Hal-Far Ghalhekk certament ma jistghax jinghad li kienu xi hbieb tal-qalb.
2. L-affarijiet misruqa instabu fil-beritta ta' Omissis li kienet bejniethom waqt li huma kienu mixhutin fuq xatt il-bajja fejn sabuhom il-Pulizija. Skont ix-xhieda ta' PC1039 Marshall Mallia, meta hu qal lill-imputat li kien se jaghmillu tfittxija, l-imputat qallu "le, le l-affarijiet tieghi, my things, my things", u anke l-beritta qal li kienet tieghu, meta fil-fatt il-beritta kienet ta' Omissis. Kien meta irrizulta li fil-beritta kien hemm l-affarijiet misruqa, li l-imputat biddel il-verzjoni tieghu, u qal li l-affarijiet fil-beritta ma kienux tieghu, ghalkemm wara irrizulta li l-mobile phone u l-headphones kienu tieghu. Ghalhekk, wiehed bil-fors jistaqsi, ghaliex l-imputat fl-ewwel lok qal lill-

Pulizija li l-affarijiet kienu kollha tieghu, imbaghad wara biddel il-verzjoni, u fi kwalunkwe kaz x'kienu qieghdin jaghmlu l-mobile phone u l-headphones tieghu fil-beritta ta' Omissis mal-affarijiet misruqa?

3. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Omissis qal li wara li ha l-affarijiet mill-handbag fit-tarag, hu poggihom fil-but tal-qalziet, u meta mar bil-qieghda hdejn l-imputat harighom biex jghoddhom. Jekk l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa, il-Qorti ma tista' tara l-ebda raguni taht il-kappa tax-xemx ghalfejn Omissis kellu johrog l-affarijiet misruqa quddiemu biex jghoddhom, u jekk ma qallux espressament, itih x'jifhem li kienu affarijiet misruqa. Dan iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li skont l-istqarrija tal-imputat, hu u Omissis ma kienux xi hbieb kbar.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti il-Qorti hija konvinta, il-kontradizzjonijiet fl-istqarrija tal-imputat u l-provi indizzjarji (circumstantial evidence) jippuntaw kollha f'direzzjoni wahda u univoka, u cioe li l-imputat kien involut fis-serqa in kwistjoni. Pero peress li skont ma qalu n-nies li kien hemm fuq il-post, il-handbag insteraq minn ragel wiehed, u Omissis ammetta li kien hu li seraq il-basket, il-Qorti hija tal-opinjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat kien tal-anqas komplici f'dan is-serq aggravat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li, ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li ilu Malta seba' (7) xhur, l-imputat huwa diga recidiv ta' serq u fil-fatt instab hati ta' diversi serqiet u inghata sentenza sospiza minn din il-Qorti, diversament preseduta, circa hmistax-il gurnata qabel ikkommettra r-reat in kwistjoni. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ma tghallem xejn mill-opportunita li tatu din il-Qorti, sabiex jirriforma ruhu, u ghalhekk hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied b'zewg gradi.

Fil-fatt gie pruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat ikkommetta dan ir-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-22 ta' Lulju 2015 u din il-Qorti hija tal-opinjoni li din is-sentenza sospiza ghandha tigi reza operattiva.

Kif sewwa irrelevat din il-Qorti, diversament preseduta,[5] fis-sentenza **The Police vs. Ommissis and Lucian Grecu**, deciza fit-28 ta' Gunju 2015: *"Theft of mobile phones and other personal belongings has become a phenomenon in the area of St. Julian's and Paceville, especially during very busy hours in clubs. Hundreds of people have been victims of such crimes. The message should be very clear to anybody found guilty of such crimes against innocent people who only intend to go out for a night of fun. And consequently, the punishment must be one which conveys such clear message."*

Huwa vera li dan is-serq sehh minn fuq ix-xatt tal-bajja ta' San Gorg, f'San Giljan, pero l-istess konsiderazzjonijiet ta' dik il-Qorti japplikaw ghal kaz odjern.

Pero, fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti se tikkonsidra li mill-provi migbura jirrizulta li l-valur tal-oggetti misruqa jaqbez bi ftit l-ammont ta' €232.94, li huwa l-minimu sabiex is-serq ikun aggravat bil-valur. Ir-reat huwa aggravat ukoll bil-hin u konsegwentement il-piena ma tistghax tinghata fil-minimu taghha (Artikoli 280(1) u 20 tal-Kodici Kriminali).

Inoltre l-maggoranza tal-oggetti misruqa gew ritornati lill-vittma, ghalkemm dan gara ghax l-imputat gie maqbud *in flagrante* mill-pulizija, u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 337(2)(b) tal-Kodici Kriminali u l-piena ghandha titnaqqas b'zewg gradi. Pero, fil-kaz odjern dan it-tnaqqis ta' zewg gradi huwa newtralizzat bil-fatt li kif diga inghad, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-piena ghandha tizdied b'zewg gradi, stante li din hija t-tieni darba li l-imputat instab hati ta' serq fi zmien qasir.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 20, 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 337(2)(b), 28B(1), 49, 50, 289(1) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati bhala awtur tal-ewwel imputazzjoni, izda hati bhala komplici tal-istess reat kontemplati fl-istess Artikoli, a tenur tal-Artikolu 42(d) u (e) tal-istess Kapitolu 9, u tikkundannah ghal piena ta' tnax (12)-il xahar prigunerija,

[5] *Per* Magistrat Ian Farrugia.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur sospizi ghal sena moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Younis Emad**, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Lulju 2015 tigi reza operattiva.

B'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' hmistax(15)-il xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**